MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTON DEPASQUALE**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

Seduta tat-18 ta' Ottubru, 2005

Appell Civili Numru. 143/2005/2

**Kunsill Lokali Mellieha; Saviour Balzan bhala Sindku tal-Kunsill Lokali Mellieha; Joseph Borg, Bro. Geoffrey Scerri, Emma Azzopardi, Aldo Laferla u Anton Azzopardi in rappresentanza tal-kumitat dwar Santa Marija Estate; Abela Anthony, Abela John, Abela Frank, Anstey Betty Mary, Azzopardi Karl/Emma, Bailles Zelia Lynn, Bartolo Emvin, Beck William, Blagg Bernard, Bonanno Joe, Bonello Pierre, Bonanno Kenneth, Bonnici Edward, Bonnici John, Borg Josephine, Borg John, Borg Geraldine, Borg Isabella, Borg Paul, Borg Mary Ann, Bugeja Joseph, Camilleri John, Camilleri Emily, Cassar Miriam, Chetcuti Joseph, Cilia Vincent, Dalli George,**

**Debattista Joseph, Debrincat Evan, Debono Sylvia, Debono John, Debono Jacky, Debono Vince, Dickensen Ronald, Dodebier Carmen, Degaetano Joe, Ewen Pamela, Falzon Salvatore, Fiorentino Paul, Galea Michael, Galea Edward, Galea Mario, Galea Theresa, Gambin Carmel, Gatt Christopher, Grech Joe, Grima Emanuel, Hall Peter George, Hilton Kenneth, Hooper Doris, Hipwell William, Holland John, Hotstede William, Jepsen Carl, Lamanna Sophie, Leete Denis, Lewis John, Lovatt James Ross, Magro Mary, Magro Christine, Mallia Mary, Marino Paolo, Micallef Alfred, Mintoff Raymond, Muscat Maria, Nolan Patrick, Pace Hugh, Pantalleresco Sam, Parnis Vincent, Pavia Marian, Partridge Hugh, Petterson John, Peplow Roy, Reitmann Freddy, Richardson Keith, Saliba Caroline, Sammut Spiridione, Schembri Guzeppi, Scerri Br Jeffrey, Stellini David, Stoner Evelyn, Stoner Paul, Thornton Herman J, Vassallo Ray, Turner Michael, Trapani Michael, Vassallo George, Vella Paul, Vella Patrick, Vella Joseph, Vella Maryanne, Vella Nazzareno, Vella Seraphin, Vella Bardon Henriette, Vella Godfrey, Wolls Victor John.**

**v.**

**Central Mediterranean Development Corporation Limited**
**(Cenmed) u b'digriet tas-16 ta' Marzu 1998 gie kjamat in kawza "Direttur tat-Toroq"**

**Il-Qorti:**

1. Dan hu provvediment – ankorke` wiehed provvisorju ghar-raguni li ser tigi mfissra aktar 'l quddiem – wara rikors maghmul mis-socjeta` Central Mediterranean Development Corporation Limited fis-17 ta' Mejju 2005 sabiex din il-Qorti tordna, skond dak li jipprovdi l-Artikolu 823(2) tal-Kap. 12, it-twaqqif ta' l-ezekuzzjoni tas-sentenza ta' din il-Qorti fl-istess ismijiet moghtija fil-25 ta' Frar 2005, u dana fil-pendenza ta' rikors ghal ritrattazzjoni maghmul mill-istess socjeta`.

2. Fl-udjenza ta’ nhar it-Tlieta 11 ta’ Ottubru 2005, wara li l-partijiet qablu li kullhadd kien gie notifikat ghall-finijiet tar-rikors odjern, l-abbili difensur ta’ l-intimati f’dan ir-rikors (u cioe` tal-Kunsill Lokali tal-Mellieha u tan-nies kollha li isimhom jidher fil-lista annessa man-nota tas-socjeta` rikorrenti tal-21 ta’ Lulju 2005), l-Avukat Dott. Tonio Azzopardi, eccepixxa li r-rikors tas-17 ta’ Lulju 2005 kien null peress li kontemporanjament ma’ l-istess rikors is-socjeta` rikorrenti ma kienetx tat garanzija tajba ghall-ezekuzzjoni tas-sentenza (li r-ritrattazzjoni taghha qieghda tintalab b’rikors separat). Huwa fisser li l-unika garanzija li jidher, minn fol. 2 tal-process, li kienet ingabet kienet dik ta’ Lm1,500 li, kif jinghad fin-notament bil-linka hamra maghmul mir-Registratur, “giet depozitata mill-appellant sabiex taghmel tajjeb ghall-ispejjez ta’ din il-procedura”. Id-difensur tas-socjeta` rikorrenti, l-Avukata Dott. Anna Mifsud Bonnici, wiegbet li skond ir-Registratur dik biss kienet il-garanzija li kellha tingieb ghall-finijiet ta’ dawn il-proceduri. F’dik l-udjenza tal-11 ta’ Ottubru 2005, il-kawza thalliet ghal provvediment ghall-lum.

3. Jibda biex jinghad li hija skuza alkwantu fjakka dik ta’ l-imsemmija Avukata li tipprova titfa` r-responsabbilta` ghal xi nuqqas da parti tas-socjeta` rikorrenti fuq ir-Registratur jew xi impjegat tar-registru. Ir-raguni ghala s-socjeta` rikorrenti ghandha l-avukat jew avukati taghha hija proprju sabiex dawn ikunu huma li jiggwidaw lil klijent dwar x’ghandu jaghmel skond il-ligi u l-gurisprudenza – u mhux sabiex huma, cioe` l-avukati, jkunu gwidati mir-Registratur jew xi impjegat tar-registru.

4. Biex jinbdew il-proceduri odjerni – <u>cioe` dawk skond l-Artikolu 823(2) tal-Kap. 12</u> – ebda garanzija ma hi mehtiega li tigi depozitata. Tali garanzija (kawtela) hija mehtiega ghall-fini tar-rikors <u>ghar-ritrattazzjoni</u> (Artikolu 815, Kap. 12), u mhux tar-rikors odjern. Ghalhekk huwa evidenti li n-notament bil-linka hamra aktar ‘l fuq imsemmi jirreferi, jew hu intiz li jirreferi, mhux ghar-rikors odjern (cioe` dak maghmul skond l-Artikolu 823(2)) izda ghar-rikors ghar-ritrattazzjoni. Jista’ jaghti l-kaz li peress li kemm ir-rikors odjern kif ukoll dak ghar-ritrattazzjoni gew presentati fl-istess gurnata u x’aktarx ukoll fl-istess hin, il-persuna addetta fir-registru nizzlet in-notament fuq att flok fuq iehor.

5. Kwantu ghall-eccezzjoni sollevata minn Dott. Azzopardi, jinghad mill-ewwel li din hi infondata. Kif gie ritenut minn din il-Qorti, diversament komposta, fis-sentenza tal-10 ta’ Jannar 1995 fl-ismijiet ***Albert Rizzo v. Agnes Bezzina et***, il-kontemporaneita` tal-garanzija – garanzija ghall-ezekuzzjoni tas-sentenza, li r-ritrattazzjoni taghha tkun qed tintalab bir-rikors l-iehor, jekk din is-sentenza ma tigix imhassra, u ghalhekk mhux garanzija ghall-ispejjez skond l-Artikolu 249(1) tal-Kap. 12 – il-kontemporaneita` tal-garanzija mat-talba ghat-twaqqif ta’ l-esekuzzjoni mhix kundizzjoni *sine qua non* ghall-esercizzju ta’ l-azzjoni taht l-Artikolu 823, u dan in vista tal-kliem “meta tinghata” uzati fis-subartikolu (3) ta’ l-imsemmi artikolu. Fi kliem iehor, il-fatt li sal-lum din il-garanzija ghadha ma nghatatx – u anqas inghatat, kienu x’kienu r-ragunijiet, mal-presentata tar-rikors – ma jgibx in-nullita` tar-rikors in dizamina (ara f’dan is-sens ukoll il-provvediment ta’ din il-Qorti tat-2 ta’ Gunju 2005 fl-ismijiet ***Carmela sive Carrie Micallef v. Alfred Mangion***).

6. Tenut kont ta’ dak li s-socjeta` Central Mediterranean Development Corporation Limited giet ordnata taghmel bis-sentenza li ghaddiet in gudikat fil-25 ta’ Frar 2005 – xoghlijiet estensivi li jirrikjedu kapital konsiderevoli – din il-Qorti hi tal-fehma li jkun aktar gust u ekwu li, flok ma tiddeciedi fuq it-talba kif kontenuta fir-rikors illum, taghti zmien lis-socjeta` rikorrenti biex tottempera ruhha ma’ dak kollu rikjest fil-paragrafu (a) tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 823 imsemmi. S’intendi, jekk is-socjeta` rikorrenti tibqa’ ma ggibx garanzija jew jekk din il-Qorti tkun tal-fehma li tali garanzija ma tkunx, fic-cirkostanzi kollha tal-kaz, wahda “tajba” ghall-finijiet u effetti kollha tal-imsemmi paragrafu (a), din il-Qorti ma jkollhiex alternattiva hlief li tichad it-talba odjerna, u dan indipendentement minn dak li jehtieg li jigi sodisfatt ukoll bil-paragrafu (b) ta’ l-istess subartikolu – dwar liema paragrafu din il-Qorti ghall-mument mhix sejra tippronunzja ruhha.

7. Konsegwentement takkorda lis-socjeta` rikorrenti sa mhux aktar tard minn nhar it-Tnejn 24 ta’ Ottubru 2005 zmien biex tottempera ruhha mal-paragrafu (a) tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 823 tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili, u thalli r-rikors ghall-

kontinwazzjoni – inkluzi sottomissjonijiet dwar l-idoneita` o meno tal-garanzija talvolta moghtija kif ukoll, jekk ikun il-kaz, sottomissjonijiet ulterjuri dwar il-paragrafu (b) fid-dawl ta’ tali garanzija – ghal nhar it-Tlieta 25 ta’ Ottubru 2005 f’nofsinhar.

8. Tordna li kopja ta’ dan id-digriet tigi minnufih komunikata lir-Registratur, Qrati Civili u Tribunali, sabiex, wara li jiehu konjizzjoni tal-paragrafi 3 u 4 ta’ dan il-provvediment, jiehu hsieb li jaghti l-istruzzjonijiet mehtiega lil kull min hu addett mar-registru sabiex il-konfuzjoni li evidentement kien hemm f’dan il-process ma tirrepetix ruhha.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------